**11 ta' Lulju,1985**

**Imħallef:**

**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R., Hist. S.**

Leone Gulia

*versus*

Ernest Borg Grech *pro et noe*

## Legat ta' Krediti Naxxenti Minn Ipoteki.

*L-artikolu 2123 tal-Kodiċi Ċivili (irrevokat bl-Att XLVI ta' l-1973) kien jiddisponi inter alia li l-mara għandha ipoteka legali ġenerali fuq ħwejjeġ żewġha għall-beni u kapitali parafernali tagħha li jkunu ġew ittrasferiti jew imdaħħla minn żewġha.*

*Jidher li l-ipoteki msemmija fiċ-ċitazzjoni mhumiex krediti imma jammontaw għal drittijiet fuq il-beni ta' l-assi tar-raġel (Dott. Pace) a favur martu biex jagħmlu tajjeb għar-responsabbiltà tar-raġel fil-każ li dan naqas li jimpjega l-prezz tal-beni parafernali ta' martu nkassat minnu - u dan skond it-termini ta' l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili - liema artikolu kien għadu viġenti meta saru l-kuntratti msemmija fiċ-ċitazzjoni li taw lok għall-imsemmija ipoteki.*

*Dott. Pace, u llum il-konvenut bħala eredi tiegħu, ma jkunux responsabbli għar-rifużjoni tas-somom inkassati bħala prezz tal-fondi parafernali ta' mart Dott. Pace jekk dawn kienu debitament impjegati minnu u anke, skond it-termini espressi ta' l-artikolu 1390, ma jkunux hekk responsabbli jekk l-istess somom kienu baqgħu f'idejn mart Dott. Pace jew jekk hija stess iddisponiet minnhom.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li pppremetta illi l-konvenuti huma l-eredi ta' Dott. Amabile Pace, illi l-attur wiret b'titolu ta' legat in assoluta proprietà minn għand Mary armla ta' l-istess Dott. Amabile Pace kwalunkwe kreditu naxxenti minn ipoteki jew ipoteki legali iskritti lir-Reġistru Pubbliku u illi l-istess Mary armla ta' Dr. Amabile Pace kienet kreditriċi ta' żewġha fis-somma ta' tlett elef, mitejn u ħamsa u sebgħin lira, sebgħa u ħamsin ċentiżmu u disa' millerżmi (Lm3275.57,9) ammontanti l-prezzijiet ta' żewġ stabbili tagħha mibjugħa wieħed fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Spiteri fit-13 ta' April, 1951 bil-prezz ta' Lm1775.57,9 u l-ieħor fl-atti tan-Nutar Dott. Maurice Gambin tal-15 ta' Novembru, 1954, liema prezzijiet ġew inkassati mill-imsemmi Dott. Amabile Pace u li għalhekk, in garanzija tar-rifużjonjiet ġew iskritti kontra tiegħu l-ipoteki legali numru mija u ħamsa u disgħin ta' l-1951 (I.L.195/51) u numru erba' mija u sitta u tmenin ta' l-1954 (I.L.486/54) rispettivament, talab li l-konvenuti jiġu minn din il-Qorti kkundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef mitejn u ħamsa u sebgħin lira, sebgħa u ħamsin ċenteżmu u disa' milleżmi, (Lm3275.57,9), in sodisfazzjoni tal-kreditu ta' l-awtriċi tiegħu kif intqal, bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju, 1977 u bl-imgħaxijiet skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Ernest Borg Grech *proprio et nomine* li biha eċċepixxa illi fl-ewwel lok id-domanda ta' l-attur hija preskritta skond l-Artikolu 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili u illi subordinatament id-domanda ta' l-attur hija infondata fil-liġi billi ma jeżisti ebda debitu kontra l-assi ta' Dott. Amabile Pace;

Rat id-deċiżjoni tagħha prelininari tat-23 ta' April, 1981 li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali opposta mill-konvenut *proprio et nomine* bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċeżżjonijiet ulterjuri tal-konvenut *proprio et nomine* li biha eċċepixxa illi kif jirriżulta mit-testment ta' Mary Pace, l-attur mhux eredi tagħha iżda sempliċement legatarju u għalhekk it-talba tiegħu kellha tiġi indirizzata lill-eredi ta' l-istess Mary Pace u għalhekk il-konvenut *proprio et nomine* għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Skond l-Għaxar Artikolu tat-testment sigriet ta' Maria Fortunata armla ta' Amabile Pace ta' l-4 ta' Frar, 1970 hija ħalliet b'titolu ta' legat in assoluta proprjetà lil Leone Gulia *inter alia* 'kwalunkwe kreditu naxxenti minn ipoteki jew ipoteki legali inskritti fir-Reġistru Pubbliku' (fol. 65 tal-proċess);

L-Artikolu 2123 tal-Kodiċi Ċivili (rrevokat bl-Att XLVI ta' l-1973) kien jiddisponi *inter alia* li l-mara għandha ipoteka legali ġenerali fuq ħwejjeġ żewġha għall-beni u kapitali parafernali tagħha li jkunu ġew ittrasferiti jew imdaħħla minn żewġha;

Fil-kawża preżenti mhwiex ikkontestat li Dott. Amabile Pace kien għamel il-vendità msemmija fiċ-ċitazzjoni u li nħarġu kontra tiegħu l-ipoteki legali ġenerali hemm ukoll imsemmija.

L-attur Leone Gulia - u illum martu Helen Gulia bħala unika eredi tiegħu - qiegħda, *in virtu* ta' l-imsemmi legat u a bażi ta' l-imsemmija ipoteki legali, titlob li l-eredi ta' Dott. Amabile Pace jiġu kkundannati jħallsu s-somom indikati biċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fil-kawża 'Carmela moglie del Dr. Alfredo Stagno Navarra vs lo stesso Dr. Alfredo Stagno Navarra et' diċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju, 1914 (Kollez. Dec. Vol. XXII - II -253) ingħad hekk: '*Che la moglie oltre alla ipoteca legale, che la legge dal di' della celebrazione delle nozze di lei le accorda per la restituzione eventuale della dote e per l'eventuale pagamento del dotario, vanta in base all'art.1788 dell' Ord. VII del 1868, una ipoteca legale, altresì sopra i beni del marito, per tutti altri beni e capitali non dotali di sua spettanza, che fossero stati alienati o esatti dal marito, o che alla prezenza e col consenso del medesimo, fossero stati da lei alienati od esatti, e ciò in base alla responsabilità che la legge stessa, a mente dell' Articolo 1054 di detta Ordinanza, pone a carico del marito, a causa del mancato impiego del prezzo dei beni o dei capitali parafernali che fossero stati, egli presente e consentiente, alienati od esatti, salvo in suo favore l'incombente della prova dei fatti, dalla stesse legge contemplati a discarico dello stesso marito*';

L-istess sentenza tkompli tgħid: '*la ipoteca non è un credito ma essa è un diritto costituito sopra i beni del debitore o di un terzo, a vantaggio del creditore, per assicurare il soddisfacimento di una obbligazione; la stessa, pertanto, che non è che la guarentigia del credito, mal si confonderebbe col credito in tal modo garantito,*' u iktar tard tosserva: '*il credito della moglie in ragione delle rilevanze promesse e garantite dal marito, non è un*

*credito scaduto ed esigibile in constanza di matrimonio; ma la riscossione dello stesso potrebbe in base all'ipoteca di cui trovasi munito, essere assicurata coll'unico mezzo che all'uopo fornisce la legge......';*

Jidher mill-imsemmija prinċipji li din il-Qorti, kif ippresjeduta, tabbraċċja, li l-ipoteki msemmijin fiċ-ċitazzjoni mhumiex krediti imma jammontaw għal drittijiet fuq il-beni ta' l-assi ta' Dott. Amabile Pace a favur ta' martu biex jagħmlu tajjeb għar-responsabiltà ta' Dott. Amabile Pace fil-każ li dan naqas li jimpjega l-prezz tal-beni parafernali ta' martu nkassat minnu - u dan skond it-termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili (qabel l-Art. 1054 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868) - liema artikolu kien għadu vigenti meta saru l-kuntratti msemmija fiċ-ċitazzjoni li taw lok għall-imsemmija ipoteki. Dott. Amabile Pace, u llum il-konvenuti bħala eredi tiegħu, ma jkunux responsabbli għar-rifużjoni tas-somom inkassati bħala prezz tal-fondi parafernali ta' mart Dott. Amabile Pace jekk dawn ġew debitament impjegati minnu u anke, skond it-termini espressi ta' l-Artikolu 1390, ma jkunux hekk responsabbli jekk l-istess somom kienu baqgħu f'idejn mart Dott. Amabile Pace jew jekk hija stess iddisponiet minnhom;

Isegwi għalhekk li qabel xejn fil-każ preżenti jinkombi lill-attriċi li tapprova l-eżistenza tal-krediti kkawtelati mill-ipoteki msemmija fiċ-ċitazzjoni u dana billi l-legat ta' kreditu m'għandux effett ħlief għal dik il-biċċa li tkun għad ma tħallsitix fi żmien il-mewt tat-testatur (Artikolu 740, Kodiċi Ċivili). Huwa evidenti li biex tipprova l-eżistenza ta' l-imsemmija krediti kien jinkombi lill-attur, illum l-attriċi Helen Gulia, li teżerċita l-azzjoni opportuna, għal dan l-iskop ukoll kontra l-eredi ta' mart Dott. Amabile Pace - li kontra tagħhom ukoll l-attriċi kellha

tindirizza t-talba tagħha - għall-pussess tal-ħaġa mħollija legat u dana skond it-termini ta' l-Artikolu 763 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li l-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija legat. Dan kollu ma sarx u kwindi hemm lok għal-liberazzjoni *ab observantia* tal-konvenuti, salv kull dritt ieħor *si et quatenus* ta' l-attriċi Helen Gulia;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju - salv kull dritt ieħor *si et quatenus* ta' l-attriċi Helen Gulia. L-ispejjes tal-kawża, apparti dawk ġa' deċizi, għandhom jitħallsu mill-attriċi.